MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Numru 545/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Simon Galea)**

**Vs**

Michael Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li biha l-imputat Michael Camilleri ta' karta ta' identita numru 642236(M) jinsab akkuzat talli:

Fil-21 ta' Gunju 2003 u fis-snin ta' qabel, fil-fond Ta' Dukkara, Triq il-Katakombi, Naxxar, bhala detenur tal-imsemmi fond jew bhala l-persuna li ghandu f'idejh l-imsemmi fond, b'divesi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. ikkommetta serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm50 u anqas minn Lm1000 ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur.
2. Ghamel hsara jew kisser parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-eletriku jew is-sigilli taghhom.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni insista anke wara l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b'serq ta' elettriku u hsara volontarja ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Fuq din l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi konrih dedotti.

Rat l-Artikolu 261, 264, 270, 279 u 280 tal-Kap 9, ikkonsidrat l-process verbal u fic-cirkostanzi tiddecidi li tilliberah taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat zmien tlett xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------